PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2010/2138(INI)**

25.1.2011

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea
(2010/2138(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Nadja Hirsch



Magħquda fid-diversità

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li fil-pajjiżi fejn it-trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fis-suq tax-xogħol inkiseb, dan kellu riperkussjonijiet pożittivi fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, u għalhekk il-politiki ta' ugwaljanza ma għandhomx jiġu abbandunati fi żminijiet ta' kriżi, u li minkejja r-rieda ddikjarata tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, għadhom ma nkisbux kundizzjonijiet ugwali konsistenti; jinnota li minħabba r-reċessjoni, ħraxet aktar it-tendenza kostanti li matul dawn l-aħħar għaxar snin, jiġifieri l-fatt li n-nisa ħafna iktar mill-irġiel intlaqtu mill-faqar, mit-telf ta' impjieg jew mill-impjiegi insikuri, u b'hekk ġiet intensifikata l-feminizzazzjoni tal-faqar fl-UE;

2. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-indikaturi ta' ugwaljanza, testendihom għad-dimensjoni tal-istatus tal-familja, u tapplikahom biex tivvaluta b'mod regolari l-inugwaljanzi bejn is-sessi

3. Jenfasizza li l-forom il-ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol għandhom jissejsu fuq riflessjonijiet dettaljati dwar it-tipi u t-tqassim tal-ħinijiet tax-xogħol u tal-mistrieħ abbażi tat-tqassim tar-responsabilitajiet familjari u professjonali bejn id-diversi membri tal-familja;

4. Jenfasizza li l-Istrateġija ta' Lisbona tipprova tintegra fis-suq tax-xogħol 60% tan-nisa li jistgħu jaħdmu, filwaqt li l-isforzi fil-qasam demografiku għandhom ifittxu li jippromwovu żieda fir-rata tat-twelid biex jiġu affrontati l-isfidi tal-futur;

5. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni, fil-21 ta' Settembru 2010, tal-Komunikazzjoni "Strategija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015";

6. Jenfasizza li l-familja tikkostitwixxi s-sisien tas-soċjetà tagħna u fil-qalba hija marbuta mat-trażmissjoni ta' valuri u mas-solidarjetà; jenfasizza li l-introduzzjoni tas-sigħat tax-xogħol flessibbli u l-provvediment tal-opportunitajiet tat-telework, u anke l-iżvilupp tal-kura tat-tfal u l-professjonalizzazzjoni tal-kura tal-anzjani fid-djar jirrappreżentaw pass importanti għall-konċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-familja u biex tikber il-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol u fl-edukazzjoni u t-taħriġ; jiddispjaċih li n-nuqqas ta' sistemi adegwati ta' liv, ta' skemi ta' liv għall-ġenituri u ta' skemi ta' xogħol flessibbli għaż-żewġ ġenituri spiss ma jippermettux lin-nisa li jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq tax-xogħol jew li jaħdmu full-time; iqis li dan jeħtieġ ukoll bidla fil-kultura imprenditorjali meta jiġu maħtura jew impjegati n-nisa; jistieden, għalhekk, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipprevjenu tnaqqis fil-benefiċċji jew fis-servizzi soċjali fil-qasam tal-kura tat-tfal, il-kura tal-anzjani u l-persuni vulnerabbli minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja;

7. Jenfasizza li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jippromwovu, jappoġġaw u jsaħħu r-rwol tan-nisa fl-ekonomija soċjali, fid-dawl tar-rata għolja ta' nisa li jaħdmu fis-settur u l-importanza tas-servizzi li jipprovdu biex jippromwovu konċiljazzjoni ġusta

bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

8. Jenfasizza li l-preżenza tan-nisa fis-suq tax-xogħol hija element pożittiv f'termini ta' tkabbir ekonomiku; jinnota li, skont statistika tal-OECD, il-komponent femminili kkontribwixxa għal kwart tat-tkabbir annwali bejn l-1995 u l-2008;

9. Jenfasizza li f'każ li jintilef l-impjieg, in-nisa jiffaċċjaw riskju akbar li ma jerġgħux jiġu impjegati;

10. Iqis li t-tibdil demografiku jagħmilha neċessarja li l-potenzjal tan-nisa jiġi realizzat, u li tiżdied ir-rata ta' impjieg tagħhom sabiex tintlaħaq il-mira ta' impjieg ta' 75% għan-nisa u l-irġiel fl-età ta' bejn 20 u 64 sena, kif stabbilit fl-istrateġija UE 2020; jemmen li fl-istess ħin il-persuni għandu jkollhom għażla ħielsa li jkollhom it-tfal u li bilanċ ġust bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huwa kundizzjoni neċessarja biex tagħti spinta qawwija lill-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol;

11. Jinnota li kemm fir-rigward tal-irġiel u kemm fir-rigward tan-nisa, ir-rati tax-xogħol huma iktar baxxi fiż-żoni rurali u dan ipoġġi lil dawk li jgħixu fil-kampanja fi żvantaġġ f'termini ta' disponibilità ta' impjiegi ta' kwalità; barra minn hekk, ħafna nisa ma jiffurmawx parti mis-suq tax-xogħol uffiċjali u għalhekk ma jingħaddux bħala persuni qiegħda reġistrati, u konsegwentement jiffaċċjaw problemi finanzjarji u legali b'rabta mad-dritt għall-maternità, il-liv f'każ ta' mard u l-kisba tad-drittijiet għall-pensjoni;

12. Jenfasizza li l-kriżi ekonomika attwali ġabet magħha effetti ħżiena fuq il-ħaddiema; jinnota li, għalkemm il-livell tal-edukazzjoni tan-nisa żdied kunsiderevolment fl-aħħar snin, u n-numru ta' gradwati nisa llum jaqbeż lil dak tal-irġiel, in-nisa għadhom imġiegħla jassumu rwoli sekondarji inqas imħallsa;

13. Jilqa' l-fatt li f'ħafna każijiet in-nisa jiksbu riżultati aħjar mill-irġiel meta jtemmu l-iskola, l-istudji jew it-taħriġ vokazzjonali tagħhom;  jiddispjaċih, madankollu, li dan ma jwassalx biex titjieb is-sitwazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fejn jidħlu tnaqqis fl-impjiegi prekarji, l-eliminazzjoni tad-differenzi fil-paga kif ukoll il-ħatra tagħhom f'pożizzjoni maniġerjali, u bħala riżultat ta' dan jiżdied ir-riskju tal-qgħad u tal-faqar; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fl-UE d-dħul medju tan-nisa għadu sal-lum jammonta għal 15 % inqas minn dak tal-irġiel (u li fis-settur privat din id-differenza saħansitra tammonta għal 25 %);

14. Jenfasizza li r-realizzazzjoni tal-potenzjal tal-ħaddiema nisa hija konsistenti wkoll mal-objettiv tal-Istrateġija UE 2020 li jonqos il-faqar, u li l-aċċess għax-xogħol jikkostitwixxi fattur ewlieni fl-isforzi għall-ġlieda kontra l-faqar;

15. Jiddispjaċih minħabba n-nuqqas ta' miżuri vinkolanti għall-ġlieda kontra d-distakk persistenti li hemm bejn is-salarji tal-irġiel u n-nisa; jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' azzjoni urġenti biex tittejjeb is-sitwazzjoni tan-nisa impjegati taħt kundizzjonijiet insikuri, b'mod partikolari tal-immigranti nisa u l-membri ta' minoranzi etniċi, li huma anki aktar vulnerabbli fi żmien ta' kriżi ekonomika u soċjali; jinsisti, barra minn hekk, fuq il-bżonn ta' azzjoni ulterjuri biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-sistemi tas-saħħa pubblika u li għaliha għandu jkun iggarantit aċċess indaqs;

16. Jenfasizza li n-nisa għandhom iktar tendenza mill-irġiel li jokkupaw pożizzjoni żvantaġġata fis-suq tax-xogħol: fost in-nisa, ir-rata ta' kuntratti prekarji u ta' xogħol part-time hija ogħla u għad hemm differenzi kbar kontrihom fis-salarji.

17. Jinnota li x-xogħol part-time jista' jkollu effetti negattivi fuq l-individwu kkonċernat, bħal pereżempju ostakli għall-karriera u jwassal għal faqar fix-xjuħija, jew inkella, minħabba d-dħul aktar baxx, tista' tkun meħtieġa assistenza addizzjonali mill-Istat għal skopijiet ta' sussistenza jew fil-każ ta' mard jew qgħad;

18. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jipprevjenu s-segregazzjoni tas-swieq tax-xogħol u jikkumbattu t-tendenza li n-nisa spiss jokkupaw impjiegi bl-agħar salarji, billi jħajru lis-subien u lill-bniet fl-iskejjel jieħdu interess fl-ispettru sħiħ tal-impjiegi possibbli, u billi jwessgħu l-opportunitajiet ta' taħriġ għan-nisa sabiex dawn ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għall-bidliet fis-swieq tax-xogħol matul il-karriera tagħhom; huwa mħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni inġusta li fiha mara fl-UE, aktar minn nofs seklu wara l-inklużjoni fit-Trattati tal-prinċipju ta' ħlas indaqs għal-istess xogħol, bħala medja għandha taħdem 418-il jum kalendarju biex taqla' dak li raġel jaqla' f'sena kalendarja;

19. Jistieden lill-Istati Membri biex bl-għajnuna tal-Kummissjoni jintensifikaw l-azzjonijiet diġà eżistenti u jinkoraġġixxu s-sehem tan-nisa fit-taħriġ vokazzjonali fil-qafas tat-tagħlim tul il-ħajja, b'reazzjoni għat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli b'enfasi fuq l-SMEs, u b'hekk isaħħu l-impjegabilità tal-ħaddiema nisa;

20. Jenfasizza li n-nisa huma rrappreżentati żżejjed f'xogħol prekarju, xogħol part-time involontarju u fost in-nies li qed jgħixu fil-faqar, u għalhekk jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li l-politiki biex tinkiseb il-mira tal-UE 2020 fir-rigward tal-faqar u l-inklużjoni soċjali jkunu mmirati għan-nisa skont il-proporzjon tas-sehem tagħhom fost in-nies li qed jgħixu fil-faqar;

21. Jistieden lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-impjieg għall-kategorija żvantaġġjata tan-"nisa tqal jew l-ommijiet b'responsabilitajiet tal-familja li jgħixu waħedhom", billi jinkoraġġixxu l-provvista ta' impjiegi għal dan il-grupp, li jkunu deċenti, stabbli u kompatibbli ma' bilanċ xieraq bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

22. Jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri għall-fatt li għandhom jiġu adottati miżuri pożittivi favur in-nisa u l-irġiel, b'mod partikolari bil-għan li jiġi ffaċilitat ir-ritorn tagħhom fuq il-post tax-xogħol wara perjodu ta' żmien iddedikat lill-familja (trobbija tat-tfal u/jew kura ta' qraba morda jew b'diżabilità) permezz tal-promozzjoni tad-dħul (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol, sabiex dawk ikkonċernati jingħataw il-possibilità li jerġgħu jsiru indipendenti ekonomikament;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri biex ikabbru l-prospetti tan-nisa żvantaġġati, bħall-immigranti nisa, il-membri ta' minoranzi etniċi, in-nisa b'diżabilità u l-ommijiet li jrabbu lil uliedhom waħedhom, u konsegwentement iżidu l-possibilità tagħhom għal ħajja ekonomikament indipendenti, billi jtejbu l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali; jiġbed l-attenzjoni għad-diskriminazzjoni multipla li tolqot lill-immigranti nisa minħabba s-sess, l-etniċità jew ir-razza oriġinali tagħhom u ħafna drabi anki l-età tagħhom;

24. Iqis li minħabba l-qgħad, ir-responsabilitajiet ta' ħarsien li ma jistgħux faċilment jittieħdu minn persuna waħda, l-impjegi insikuri u bi ħlas baxx, id-diskriminazzjoni fir-rigward tal-paga, u l-pensjonijiet aktar baxxi, in-nisa jirrappreżentaw parti sinifikanti tal-popolazzjoni vulnerabbli għall-faqar;

25. Jenfasizza li l-ugwaljanza bejn is-sessi mhix biss kwistjoni ta' diversità u ġustizzja soċjali; hija tikkostitwixxi wkoll kundizzjoni bażika għall-kisba tal-objettiv ta' tkabbir sostenibbli, impjieg, kompetittività u koeżjoni soċjali kif previst fl-Istrateġija UE 2020; jistieden. għalhekk, lill-Kummissjoni biex issaħħaħ id-dimensjoni tas-sessi fil-partijiet kollha tal-istrateġija tagħha UE 2020, billi tikkunsidra b'mod partikolari l-ispeċifiċitajiet tas-sessi, u billi tiżviluppa miżuri u miri speċifiċi għall-ugwaljanza bejn is-sessi fil-miżuri kollha biex itejjeb l-Istrateġija Ewropea dwar l-impjiegi;

26. Jemmen li r-riskju ta' faqar estrem huwa ikbar għan-nisa milli għall-irġiel;

27. Jemmen li għandha tingħata prijorità l-ġlieda għall-eliminazzjoni tal-faqar permezz ta' reviżjoni tal-politika makroekonomika u tal-politika monetarja, soċjali u l-politika tax-xogħol li fuqhom hija msejsa, filwaqt li għandu jsir sforz biex tiġi żgurata ġustizzja ekonomika u soċjali għan-nisa; iqis li għandhom jiġu evalwati mill-ġdid il-metodi applikati għall-kalkolazzjoni tar-rata tal-faqar u l-iżvilupp ta' strateġiji li jippromwovu t-tqassim ġust tad-dħul, jiggarantixxu dħul minimu u livelli ta' pagi u pensjonijiet dinjitużi, li jinħolqu aktar postijiet tax-xogħol ta' kwalità bi drittijiet għan-nisa, li jiġi żgurat aċċess lin-nisa u lill-bniet għal servizzi pubbliċi ta' kwalità, li jitjiebu l-protezzjoni soċjali u s-servizzi assoċjati mal-viċinat, speċjalment il-crèches, in-nurseries, il-kindergartens, iċ-ċentri għall-kura tat-tfal matul il-ġurnata, u ċentri komunitarji li joffru faċilitajiet ta' mistrieħ u servizzi ta' appoġġ għall-familji;

28. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' azzjoni urġenti għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fir-rigward tal-paga, permezz tar-reviżoni tad-Direttiva eżistenti, it-tfassil ta' pjanijiet settorjali fi stadji b'objettivi speċifiċi, li jistgħu jinkludu tnaqqis tad-differenza fil-paga b'0.5 % sal-2020, bil-għan li tintemm id-diskriminazzjoni diretta u indiretta, jew inkuraġġiment għal negozjati kollettivi, it-taħriġ ta' konsulenti dwar l-ugwaljanza, azzjoni dwar il-kwistjoni tad-diskrepanzi bejn in-nisa u l-irġiel fir-rigward tax-xogħol mingħajr ħlas, u l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' ugwaljanza fi ħdan l-impriżi u f'postijiet tax-xogħol oħra; jemmen li t-trasparenza fid-determinazzjoni tal-pagi għandha ssir ir-regola, sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' negozjar tal-ħaddiema nisa;

29. Huwa konvint li sens ta' identifikazzjoni, parteċipazzjoni indaqs u responsabilità huma rekwiżiti fundamentali biex l-integrazzjoni jkollha suċċess, u li l-integrazzjoni taħdem biss jekk l-immigranti jkunu lesti jadattaw ruħhom filwaqt li n-nies lokali jkunu lesti li jilqgħuhom; għaldaqstant, jsprimi ruħu kontra kull għamla ta' żwieġ sfurzat;

30. Jitlob lill-Kummissjoni biex jinkuraġġixxi d-djalogu mas-sħab soċjali biex jeżaminaw kwistjonijiet bħal pereżempju t-trasparenza tal-paga, kundizzjonijiet tal-kuntratti ta' xogħol part-time u ta' xogħol għal żmien fiss għan-nisa, filwaqt li n-nisa jiġu inkoraġġiti jipparteċiopaw f'setturi "ħodor" u innovattivi;

31. Jistieden lill-Istati Membri jerġgħu jeżaminaw it-tassazzjoni tal-impjiegi sabiex jistabbilixxu sa liema punt l-inċentivi tat-taxxa jiskoraġġixxu lin-nisa milli jaħdmu full-

time, b'mod li l-mudell tradizzjonali tal-familja jibqa' jolqot ħażin lin-nisa;

32. Jenfasizza li għandhom jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ugwaljanza għan-negozji u b'mod settorjali, fuq bażi statutorja, biex tiġi kumbattuta l-inġustizzja fl-impjieg fl-Istati Membri; dawn għandhom ikunu mnedija u l-implimentazzjoni tagħhom immonitorjata miż-żewġ naħat tal-industrija; jappoġġa l-introduzzjoni ta' kwoti skont is-sessi għall-pożizzjonijiet maniġerjali u fl-entitajiet ta' sorveljanza tan-negozji;

33. Jenfasizza r-rwol tan-negozjar kollettiv fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra n-nisa, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għax-xogħol, il-pagi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-iżvilupp tal-karriera u t-taħriġ;

34. Jiddispjaċih dwar ir-rappreżentanza baxxa tan-nisa fil-livell ta' teħid ta' deċiżjonijiet, kemm fid-dinja tan-negozju u fil-proċess demokratiku; jinsisti fuq il-ħtieġa ta' miżuri aktar ambizzjużi għall-promozzjoni ta' parteċipazzjoni tan-nisa fil-bordijiet tal-kumpaniji u rappreżentanza fl-amministrazzjoni ta' entitajiet pubbliċi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew;

35. Jilqa' d-dibattitu ġenerali dwar żieda tal-proporzjon ta' nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali fl-industrija u jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' kwota volontarja mmirata għal dan l-għan fi ħdan l-impriżi, li tirrifletti d-distribuzzjoni tas-sessi fost l-impjegati;

36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtorità baġitarja jirrispettaw il-kriterji tal-ibbaġitjar skont is-sessi (gender budgeting) meta jfasslu l-baġits u l-qafas finanzjarju multiannwali l-ġdid tal-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri jsegwu dan l-eżempju fit-tfassil tal-baġits pubbliċi nazzjonali.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 25.1.2011 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 40<br>–: 1<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Regina Bastos, Edit Bauer, Jean-Luc Bennahmias, Pervenche Berès, Philippe Boulland, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Marije Cornelissen, Tadeusz Cymański, Frédéric Daerden, Karima Delli, Proinsias De Rossa, Frank Engel, Sari Essayah, Richard Falbr, Ilda Figueiredo, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Danuta Jazłowiecka, Martin Kastler, Ádám Kósa, Jean Lambert, Veronica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Őry, Siiri Oviir, Rovana Plumb, Konstantinos Poupakis, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Jutta Steinruck, Traian Ungureanu |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Raffaele Baldassarre, Kinga Göncz, Richard Howitt, Jan Kozłowski, Gesine Meissner, Cecilia Wikström |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Claudio Morganti |